MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 148/2014

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1759/13 fl-ismijiet :**

**Melita Mobile Ltd. (C 35794)**

**vs**

**John Azzopardi (I.D. 623760M) jinnegozja taht l-isem Movies Electronics**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-**rikors guramentat** ta' John Azzopardi tas-17 ta' Frar, 2014 li jaqra hekk:

*"1. Illi permezz ta' dan il-mandat ta' sekwestru s-socjeta rikorrenti qieghda tesigi kawtela ghall-kreditu pretiz ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u erbgha u hamsin Ewro u seba' centezmi (€29,554.07), rappresentanti ammonti migbura ghan-nom taghha mis-sekwestrat, u dan a bazi tal-kuntratt datat 8 ta' Jannar 2009 li kien vigenti bejn il-*

*kontendenti;*

*2. llli s-socjeta rikorrenti pprezentat arbitragg fi hdan ic-Centru Malti tal-Arbitragg, liema procedura qieghda tigi kkontestata a bazi tal-fatt illi s-somma pretiza m'hiex dovuta jew m'hiex dovuta interament in kwantu l-esponent huwa hu stess kreditur tas-socjeta rikorrenti, u dan minhabba li ghadu ma thallasx commissions spettenti lilu a bazi ta' l-istess ftehim;*

*3. llli hija l-fehma umli tal-esponent li ma hemmx lok li jinzamm fis-sehh dan il-mandat, u dan ghar-ragunijiet segwenti :*

***A. Somma mhux gustifikata jew eccessiva -***

*i. llli t-talba mitluba mhijiex dovuta jew hija eccessiva, u dan peress illi kif inghad l- esponent ghandu jiehu minghand is-socjeta rikorrenti, u ghalhekk zgur ma jistax ikun li s-somma pretiza hija kollha dovuta. Isegwi ghalhekk illi hija eccessiva;*

*ii. L-esponent jaghmel referenza ghall-klawsola numru 6 tal-ftehim ('Dok. JA, hawn anness), li permezz tieghu il-partijiet kienu ftehmu il-kummissjonijiet f bonuses spettanti*

*lill-esponent ghas-servizzi li huwa kien qed jippresta lis-socjeta rikorrenti. Sakemm il- ftehim kien ghadu vigenti tali commissions kienu jithallsu izda appena gie tterminat il- ftehim is-*

*socjeta rikorrenti waqfet thallas b'mod illi dawk il-commissions / bonuses spettanti lill-esponent ghall-perjodu immedjatament qabet it-terminazzjoni ghadhom dovuti;*

*iii. Is-somma li s-socjeta rikorrenti qed titlob ma tiehux in kunsiderazzjoni dawn il-commissions / bonuses dovuti lill-esponent, u li semmai ghandhom jitnaqqsu minn / jigu*

*pacuti kontra is-somma talvolta dovuta lis-socjeta rikorrenti. Ghalhekk is-somma msemmija f'dan il-mandat m'hiex gustifikata, jew hija eccessiva kif kontemplat fl-artikolu 836(1) (d) tal-Kap 12;*

***B. Garanzija alternattiva sufficjenti -***

*i. Illi l-esponent huwa likwidu bizzejjed, oltre illi ghandu attiv ulterjuri sufficjenti sabiex*

*jaghmel tajjeb ghall-kreditu pretiz, u ghall-kreditu talvolta spettanti lis-socjeta rikorrenti. Is-socjeta rikorrenti dan tafu ben tajjeb, anke ghaliex l-esponent dejjem kien jghaddilha l-flejjes dovuti lilha fil-hin, minkejja li a sua volta hu kellu jistenna gimghat / xhur biex jircievi il-commissions / bonuses minghandha;*

*ii. Illi l-esponent qieghed hawn jannetti kopja ta' att notarili ('Dok. JA1') bhala prova ta,*

*dan, u bil-prezenti qieghed jiddikjara li huwa lest li joffri din il-proprjeta bhala garanzija alternattiva in sostituzzjoni ghal dan il-mandat. Illi dan ghandu jissodisfa lill-Qorti kif ukoll lis-socjeta rikorrenti, f'liema kaz ma jkunx fadal aktar htiega ghal dan il-mandat;*

*4. Illi dan il-mandat ta' sekwestru qieghed iservi biss biex ixekkel lill-esponent fil-hajja normali tieghu u fin-negozju tieghu in kwantu jinsab prekluz milli juza' facilitajiet bankarji;*

*5. Illi tenut kont ta' dan, u konsiderando r-ragunijiet suesposti, isegwi illi ma hemm assolutament l-ebda raguni gustifikata sabiex jinzamm fis-sehh dan il-mandat. Illi mandati kawtelatori bhal ma huwa dan huma intizi sabiex jissalvagwardjaw l-interessi legittimi ta' min prima facie ghandu xi jedd biex jikkawtela. L-iskop taghhom m'huwiex li jservu ta, garanzija eccessiva jew mhux misthoqqa, u wisq anqas biex iservu ta' xkiel jew mohqrija lill-terzi. Kif inghad dan il-mandat m'huwiex bzonjuz u qieghed iservi biss biex jimponi hardship fuq l-esponent;*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti u a tenur ta' artikolu 836(1) paragrafi (c) u (d), l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka dan il-mandat fl-ismijiet hawn fuq premessi, u dan taht dawk l-ordnijiet u provedimenti li jghogobha taghti fir-rigward."*

Rat id-digriet taghha tas-19 ta' Frar 2014 illi bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-Hamis 6 ta' Marzu 2014 fil-10:45am.

Rat illi l-atti tar-rikors , digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Rat in-**nota guramentata** ta'Melita Mobile Limited tas-27 ta'Frar 2014 li taqra hekk:

***"A. Introduzzjoni***

*1. Illi l-istatement of claim u n-notice of arbitration fl-arbitragg fl-ismijiet premessi*

*(Arbitragg numru 3810/31) gew ipprezentati fit-8 ta' Ottubru 2013.*

*2. Illi fit-13 ta' Novembru 2013 is-socjeta' esponenti pprezentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju (numru 1759/13) sabiex tikkawtela l-hlas tas-somm a ta' €29,554.07 dovuta lis-socjeta' esponenti u rapprezentanti ammonti migbura mill-intimat ghan-nom tas-socjeta' esponenti.*

*3. Sad-data ta' din in-nota, ma saru l-ebda depoziti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru de quo.*

***B. It-talba ghat-thassir kellha tkun ai termini ta' l-artikolu 742***

*1. L-artikolu 742 sub-inciz (4) u (5) jipprovdu:*

*"(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta' arbitragg, il-qrati jistghu johorgu kull att kowtelotorju, fliema kaz, jekk dik il-parti tkun ghadha ma ressqitx it-talba taghha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodici li fihom ghandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba ghandhom ikunu ta ' ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-att kawtelatorju.*

*(5)Att kawtelotorju mahrug skont ma hemm fis-subartikolu ta' qabel dan ghandu jitnehha:*

*(a) jekk dik il-parti li jinhareg kontriha taghmel dak id-depoizitu jew taghti dik il-garanzija li tkun bizzejjed sabiex tizgura d-drittijiet jew it-talbiet imsemmija fl-att; jew*

*(b) jekk min japplika jonqos milli jressaq it-talba tieghu, sew quddiem l-arbitru jew quddiem il-qorti, fit-terminu imsemmi ta' ghoxrin jum; jew*

*(c) meta jiskadi z-zmien, originali jew imgedded, tal-att partikolori skont dan il-Kodici; jew*

*(d) ghal raguni tajba, fuq rikors tad-debitur, kif il-qorti tista' tqis xieraq fic-cirkostanzi."*

2. *L-intimat qieghed jitlob ir-revoka tal-mandat de quo abbazi ta'l-artikolu 836(1) paragrafi (c) u (d) tal-Kap.12 u mhux abbazi ta' l-artikolu 742 tal-Kap.12.*

*3.Huwa car illi hemm proceduri ta' arbitragg bejn il-partijiet li ghalihom anke ssir referenza fir-rikors ipprezentat mill-intimat (referenza ghal paragrafu 2 tar-rikors). Ma tressqu l-ebda eccezzjonijiet ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni tat-tribunal fl-istatement of defence intavolat mill-intimat.*

*4. Ladarba tezisti dispozizzjoni tal-ligi specika li tirregola kif ghandu jitnehha mandat kawtelatorju fil-kuntest ta' arbitragg, hija dik id-dispozizzjoni li kellha tgi invokata mill-intimat f'dawn il-proceduri.*

*5. llli fid-decizjoni fl-ismijiet Desmond Mizzi u D.M. Holdings Limited vs Unitrade Limited,*[1] *,l-Qorti iddecidiet:*

> *"llli ghal xi raguni ghalhekk il-legislatur hass illi kellu jkun hemm dispozizzjoni ohra li kellha tirregola l-materja fejn il-mandat kawtelatorju jkun hareg in segwitu ghal arbitragg. Huwa minnu li hemm xebh kbir bejn ir-ragunijiet li ghalihom il-mandat ghandu jitnehha, madankollu hemm xi differenzi li jistghu jaffetwaw l-ezitu tat-talba in kwistjoni, u allura l-Qorti jidhrilha illi ma jkunx gust li tiddeciedi t-talba li ghandha quddiemha ai termini tal-artikolu 836 meta l-legislatur ried minghajr ombra ta' dubju li koz bhal dan jigi deciz skond l-artikolu 742.*

[1] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Frar 2013

*Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi dan ir-rikors billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju; salv kull dritt li jista' jkollha s-socjeta' rikorrenti fir-rigward illi naturalment jibqghu impregudikati.*

*L-ispejjez jithallsu mis-socjeta rikorrenti."*

*Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ta' l-intimat.*

***C. Somma mhux gustifikata jew eccessiva***

*1. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-lanjanza ta' l-intimat illi s-somma tal-mandat m'hiex gustifikata, jew hija eccessiva kif kontemplat fl-artikolu 836(1)(d) tal- Kap.12, is-socjeta' esponenti tissottometti s-segwenti.*

*2. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-lanjanza li s-somma fil-mandat m'hiex gustifikata, l-intimat ma jghidx ghaliex is-somma fil-mandat m'hiex gustifikata. Fi kwalunkwe kaz, huwa pacifiku illi l-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-fond tal-vertenza ghaliex il-procedura mahsuba fl-artikolu 836 ghandha tkun wahda sommarja u l-ezami tal-Qorti ghandu jkun biss prima facie (Desmond Mizzi u D.M. Holdings Limited vs Unitrode Limited).*[2]

[2] Ibid

*3. Fid-decizjoni fl-ismijiet Joseph Camilleri et vs Anthony Gove'et[3] il-Qorti ddecidiet illi:*

> *"...mid-dispozizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprjo bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

*6. Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijtet Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti[4] (ghall-liema decizjoni rreferiet din l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni fl-ismijiet L-Avukat Adrian Delia noe vs. European lnsurance Group Limited deciza fl-4 ta' Frar 2013) inghad is-segwenti:*

> *"llli fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhor ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha tholli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Compony Limited vs Concept Limited" - P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa lnvestments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd' P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001 )"*

*7 . Wkoll fid-decizjoni fl-ismijiet "Therese Mangion Galea v. Desmond Stanley Stewart" [5]:*

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 2001
[4] Deciza fis-27 ta' Gunju 2002

> *"il-kejl li ghandu jittiehed biex jitqies it-thassir to' Mandat kowtelatorju taht din ir-ras [l-Artikolu 836(l)(d)] huwa wiehed li jorbot il-kawzali ta' l-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrent ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma ohra ta' dritt jissejjah il-'fumus juris' tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex 'jillikwida' tali pretensjoni f'somma li taqbel ma' l-ammont minnu mahluf fil-Mandat. Wiehed m'ghandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni gudizzjarja m'ghandux jigi mfixkel jew imwarrab b'leggerezza, u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha fil-milja taghhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti ..."*

*8. Is-socjeta' esponenti ghandha prima facie pretensjoni fil-konfront ta' l-intimat. is- socjeta' esponenti llikwidat l-pretensjoni taghha b'arbitragg u l-ammont mitlub mis- socjeta' esponenti fl-arbitragg huwa l-istess ammont ikkawtelat bil-mandat de quo (kopja ta' l-istatement of claim hawn annessa u mmarkata 'Dok.MM1'). Ghaldaqstant is-*

*socjeta esponenti tissottometti li l-ammont ikkawtelat minnha huwa prima facie ggustifikat.*

*9. Fit-tieni lok, l-intimat ghandu jindika l-ammont allegatament dovut lilu bhala commissions/bonuses u ma jistghax jinghad li l-ammont huwa eccessiv qabel isir dan. Barra minn hekk, irid jintwera li bejn il-jedd pretiz u l-ammont mitlub ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti u mhux li l-ammont mitlub ikun biss ftit oghla - f'dan l-ahhar kaz semmai s-somma koperta mill-mandat tista' titnaqqas izda m'ghandhiex tirrizulta fit- thassir tal-mandat.*[6]

---

[5] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Lulju 2005
[6] Farrugia noe v Exalco Holdings Ltd, digriet tas-6 ta' Dicembru 1999

*Ghaldaqstant, fuq din il-bazi wkoll, is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ta' l-intimat.*

***D. Garanzija alternattiva sufficjenti***

*1. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-lanjanza ta' l-intimat illi huwa likwidu bizzejjed u oltre illi ghandu attiv ulterjuri sufficjenti sabiex jaghmel tajjeb ghall-kreditu pretiz, is-socjeta' esponenti tissottometti s-segwenti.*

*2. Fir-rigward ta' l-argument illi dan huwa fatt illi s-socjeta' tafu ben tajjeb, bir-rispett ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet itterminat f'Settembru ta' l-2011, u s-socjeta' esponenti*

*m'hiex konsapevoli tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-intimat.*

*3. Fir-rigward ta' l-att notarili anness mar-rikors bhala prova li l-intimat huwa likwidu*

*bizzejjed u illi ghandu attiv ulterjuri sufficjenti sabiex jaghmel tajjeb ghall-kreditu pretiz, dan l-att huwa ddatat 8 ta' Frar 2013 u ghalhekk l-assi hemm imsemmija li gew assenjati lilu m'ghadhomx necessarjament il-propjeta' tieghu. L-intimat jghid ukoll illi huwa lest joffri "din il-propjeta bhala garanzija alternattiva in sostituzzjoni ghal dan il-mandat" izda m'huwiex specifikat fir-rikors ghall-liema propjeta' qed jirreferi. Barra minn hekk, il- garanzija alternattiva trid tkun wahda soda u cara sabiex tissodisfa l-vot ta' l-artikolu 836 u trid wkoll "...tikkonsisti fi flus li jkunu kemm jew f'assi li jkunu facilment realizzabbli'.*[7]

*4. Illi l-mandat m'huwa bl-ebda mod intiz biex ixekkel lill-intimat la fil-hajja normal tieghu u lanqas fin-negozju tieghu izda biss biex jikkawtela d-drittijiet tas-socjeta' esponenti.*

[7] Ranger Company Limited vs Euro Imports Limited deciza mill-Prim Awla

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti is-socjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din 1-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba ta' l-intimat, bl-ispejjez kontra tieghu."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti;

**Ikkonsidrat:**

Dawn il-proceduri jirrigwardaw talba da parti ta' John Azzopardi ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 1759/13 fl-ismijet Melita Mobile Limited vs John Azzopardi, fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u erbgha u hamsin Ewro u seba' centezmi (€29,554.07),ai termini ta' Artikoli 836(1) (c) (d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Skond ir-rikors guramentat tieghu, ir-rikorrenti John Azzopardi gibed l-attenzjoni tal-Qorti li dan l-ammont ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u erbgha u hamsin Ewro u seba' centezmi (€29,554.07), rapprezentatni ammont migbura a nom tas-socjeta' Melita Mobile Limited (MML) hija soggetta ghall-arbritragg li diga hemm pendenti fi hdan ic-Centru Malti tal-Arbitragg. Ir-rikorrenti jsostni illi din is-somma fuq indikata hija eccessiva 'l ghaliex ma tiehux in konsiderazzjoni il-*commisions* u *bonuses* spettanti lir-rikorrent Azzopardi skond l-istess ftehim.

Fix-xhieda tieghu John Azzopardi a fol. 55 et seq, sostna illi ghalkemm huwa m'ghandux *liquidity* , huwa jista' jipprovdi ipoteka specjali fuq il-hanut li huwa "Movies", li jinstab

wiehed u tmenin (81) Triq il-Kbira San Guzepp il-Hamrun, li huwa proprjeta’ tieghu – vide kuntratt ta’ separazzjoni Dok. JA1 a fol. 27. Il-kawza f’dan l-istadju giet differita sabiex John Azzopardi jinghata l-opportunita’ biex jikseb garanzija bankarja. Il-partijiet infurmaw lil din il-Qorti fis–seduta tat-13 ta’ Marzu 2014, illi John Azzopardi ma rnexxielux jikseb garanzija bankarja.

Kemm fil-kontenut tar-rikors tar-rikorrenti John Azzopardi kif ukoll, fix-xhieda tieghu, mkien ma jirrizulta l-ammont illi John Azzopardi qieghed jippretendi bhala *commission* jew *bonuses* tieghu, liema ammont, huwa mifhum, li huwa l-ammont illi bih l-mandat ta’ sekwestru li qed jigi impunjat bhala eccessiv.

Il-kontro parti ezebiet Dok. MM1 a fol 46, li huwa *Statement of Claim* mahruga mis-socjeta’ Melita Mobile Limited ghall-ammont indikat fir-rikors odjern, quddiem ic-Centru Malti ghal-Arbitragg datat 8 t’Ottubru 2013, flimkien ma Dok. MM2 a fol 50 u 51 prospett tal-ammont pretiz u ittri datati 5 t’Otubbru 2011 u 31 ta’ Mejju 2013 Dok. MM3 u Dok. MM4 a fol. 52 u 53 rispettivament.

**Ikkonsidrat:**

Jibda biex jinghad illi z-zewg partijiet jikkonfermaw bhala fatt ikkontestat li gew inizjati proceduri t’Arbitragg mis-socjeta’ Melita Mobile Limited kontra John Azzopardi ghall-ammont ta’ disgha u ghoxrin elf, hames mija u erbgha u hamsin Ewro u seba' centezmi (€29,554.07).

Illi ghalhekk it-talba ghar-revoka ta’ dan il-mandat kellha ssir abbazi tal-Artikolu 742(4) u (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u mhux skond l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-artikolu 742 (4) u (5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

> ***"(4) Meta ssir talba minn persuna li tkun parti fi ftehim ta' arbitragg, il-qrati jistghu johorgu kull att kowtelotorju, fliema kaz, jekk dik il-parti tkun ghadha ma ressqitx it-talba taghha quddiem arbitru, it-termini stabbiliti f'dan il-Kodici li fihom ghandha tinbeda l-azzjoni dwar it-talba ghandhom ikunu ta ' ghoxrin jum mid-data tal-hrug tal-att kawtelatorju.***
>
> ***(5)Att kawtelotorju mahrug skont ma hemm fis-subartikolu ta' qabel dan ghandu jitnehha:***
>
> ***(a) jekk dik il-parti li jinhareg kontriha taghmel dak id-depozitu jew taghti dik il-garanzija li tkun bizzejjed sabiex tizgura d-drittijiet jew it-talbiet imsemmija fl-att; jew***
>
> ***(b) jekk min japplika jonqos milli jressaq it-talba tieghu, sew quddiem l-arbitru jew quddiem il-qorti, fit-terminu imsemmi ta' ghoxrin jum; jew***
>
> ***(c) meta jiskadi z-zmien, originali jew imgedded, tal-att partikolori skont dan il-Kodici; jew***
>
> ***(d) ghal raguni tajba, fuq rikors tad-debitur, kif il-qorti tista' tqis xieraq fic-cirkostonzi."***

Illi skond is-sentenza **Desmond Mizzi u DM Holdings Limited vs Unitrade Limited** deciza fil-**15 ta' Frar 2013**, dik il-Qorti irriteniet:

> ***Illi għal xi raġuni għalhekk il-leġislatur ħass illi kellu jkun hemm dispożizzjoni oħra li kellha tirregola l-materja fejn il-mandat kawtelatorju jkun ħareġ in segwitu għal arbitraġġ. Huwa minnu li hemm xebħ kbir bejn ir-raġunijiet li għalihom il-mandat għandu jitneħħa, madankollu hemm xi differenzi li jistgħu jaffetwaw l-eżitu tat-talba in kwistjoni, u allura l-Qorti jidhrilha illi ma jkunx ġust li tiddeċiedi t-talba li għandha quddiemha ai termini tal-artikolu 836 meta l- leġislatur ried minghajr ombra ta' dubju li każ bħal dan jiġi deċiż skond l-artikolu 742.***

Il-Qorti obiter, sejra tghaddi biex tezamina l-Artikolu 742(5)(a) u (d) tal-Kapitolu 12 u dana sabiex tanalizza kemm-il darba jirrizultax illi Azzopardi ssottometta garanzija xierqa alternattiva u jekk jirrizultax ***"raguni tajba",*** li timmerita r-revoka tal-mandat odjern, u dana tenut kont tax-xebh reali ezistenti bejn is-subincizi fuq indikati u Artikolu 836(1)(c) u (d) tal-Kapitolu 12.

Din il-Qorti tqis obiter illi mandat ta' sekwestru fuq ammont eccessiv jew mhux gustifikat, certament ghandhom jitqiesu minn dawn il-Qrati bhala "***raguni tajba",*** fis-sens tas-subartikolu fuq citat.

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Il-Qorti tqis obiter illi dawn il-principji bazilari jghoddu ugwalment mhux biss ghac-

cirkostanzi kontemplati fis-subincizi tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, izda wkoll ghal dawk l-eventwalitajiet indikati fis-subincizi tal-Artikolu 742(5) tal-Kapitolu 12.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" **–**tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Illi fil-kaz in ezami John Azzopardi naqas bl-aktar mod assolut illi jindika lil Qorti, l-ammont preciz, skond il-kontestazzjoni tieghu, ta' *commission* jew *bonuses* illi huwa qed jippretendi li huma dovuti lilu minn Melita Mobile Limited.

Lanqas ma ezebixxa xi prospett jew dettalji ohra ta' dak li qieghed jippretendi. Illi skeda numru tnejn (2) , vide fol 21 li tinsab annessa mal-kuntratt Dok. JA a fol. 3 et seq. ma titfa' ebda dawl fuq dak li qed jippretendi Azzopardi 'l ghaliex meta wiehed jara il-prospetti a fol. 50 u 51, ma jistghax jigi decifrat x'tip ta' kuntratt jew servizz gie mibjugh minn John Azzopardi.

Illi di piu' din il-Qorti tat l-opportunita' lil John Azzopardi, (u dana minkejja it-termini akkorcjati ta' dawn il-proceduri skond il-ligi) sabiex jipprova jikseb garanzija bankarja minghand il-bank tieghu, sabiex ikopri l-ammont indikat fis-sekwestru.

Eppure John Azzopardi ma kellux ezitu favorevoli ghal dan.

Illi skond l-insenjament ta' **Ranger Company Limited vs Euro Imports Limited** deciza fl-**20 ta' Frar 2003** per **Onor. Imh. Dr. Tonio Mallia** il-garanzija alternattiva offerta:

> ***"... trid tkun wahda soda u cara, u trid tikkonsisti fi flus li jkunu kemm jew f'assi li jkunu facilment realizzabbli; f'dan il-kaz, flus kawtelati hemm biss Lm305, li hi figura 'l boghod hafna mis-somma pretisa mis-socjeta' intimata. Ma jirizultax, allura, la li hemm garanzija xierqa ohra u lanqas ma giet moghtija garanzija alternattiva li din il-Qorti tqies bhala tajba u bizzejjed."***

Il-Qorti tqis obiter illi ipoteka specjali m'hijiex facilment realizabbli u din il-Qorti lanqas ma tqeghdet f'pozizzjoni li tkun accertata, b'ricerki legali ezebiti, illi ma jesitux pizijiet ohra fuq il-proprjeta' li qed tigi offerta.

Ghal dawn il-mottivi tichad t-talba tar-rikorrenti John Azzopardi, tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata Melita Mobile Limited, bl-ispejjez kontra r-rikorenti John Azzopardi.

**Moqrija**

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------